# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-27 t'Ottubru 2020**

Appell numru 187 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christian MICALLEF**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Ġunju 2020 fil-konfront ta' Christian MICALLEF, karta tal-identità bin-numru 79275M li ġie mixli:

> Talli fit-18 ta' Jannar, 2019 għall-ħabta tal-17:25 u 17:30 bil-vettura GGV 387 ġewwa Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk :
>
> 1. F'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu jew kien jidher biċ-ċar fis-sakra waqt li kellu l-ħsieb tal-imsemmija vettura;
> 2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
> 3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;
> 4. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

5. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
6. U kif ukoll talli pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt (96ug/100ml).
7. Meta kien involut f'inċident tat-traffiku, li kien jinvolvi offiża fuq il-persuna oħra jew ġiet kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal, jew proprjeta oħra, naqas milli jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assikuratur, kif ukoll il-marka tar-reġistrazzjoni tal-vettura lil uffiċjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil persuna li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk;

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rat li Christian MICALLEF irreġistra ammissjoni, li ġiet imtennija fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet filwaqt li kkontesta l-kumplament tal-imputazzjonijiet. Dik il-Qorti wara li semgħet il-provi prodotti sabet lill-imputat Christian MICALLEF ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ħlief għall-imputazzjoni numru 4, ikkundannatu għall-multa t'elf tmien mija u għoxrin ewro (€1820) pagabbli b'rati mensili flimkien mas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sitt (6) xhur dekorribbli mid-data tas-sentenza kif ukoll ordnatlu sabiex immedjatament ai termini tar-regolament 78 tal-L.S. 65.18 jgħaddi l-liċenza tas-sewqan lill-Awtorita ta' Malta għat-Trasport.

3. Illi minn din is-sentenza Christian MICALLEF interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tar-

raba' imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet, tħassar is-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li tenna li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tissospendilu l-liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur u dan minħabba l-fatt li l-liċenza tas-sewqan kienet meħtieġa minnu u minn familtu minħabba li għandu wliedu morda b'kundizzjoni rari u serja u kienu jeħtieġu transport kontinwu; apparti li huwa kien jeħtieġ din il-liċenza minħabba r-raġunijiet tan-negozju tiegħu in kwantu huwa l-bread winner tal-familja tiegħu.

4. Illi din il-Qorti rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi dan l-appell huwa limitat għall-*piena* u b'mod partikolari fejn il-Qorti imponiet is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu. L-appellant instab ħati ta' reati taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fosthom is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u l-konsum eċċessiv ta' alkoħol filwaqt li kien qiegħed isuq vettura taħt l-artikoli 15A u 15B li għal dak li jirrigwarda l-piena, hija regolata taħt l-artikolu 15H tal-istess Ordinanza.

6. L-artikolu 15H(1) jgħid hekk :

(1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –
(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;
(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta'mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:....

7. Jiġifieri l-piena tal-multa imposta taqa' fil-parametri tal-piena u żgur li mhix eċċessiva, in kwantu hija prattikament il-*minimum* li l-Qorti setgħet timponi. Is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan imposta mill-Qorti tal-Maġistrati mhix diskrezzjonarja fuq il-Qorti iżda ordnata tassattivament mill-Liġi. Dan jirriżulta wkoll ċar minn diversi każijiet ta' din il-Qorti kemm kif presjeduta kemm presjeduta minn Imħalfin oħra.[1] Jiġifieri s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, skont il-Liġi trid tingħata **bil-fors** bis-saħħa tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Dan l-artikolu jgħid li l-Qorti **għandha,** fil-kaz tal-ewwel kundanna, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-sewqan għal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur meta jigi misjub ħati tar-reati msemmija fl-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, bħal ma gara f'dan il-kaz.

[1] Ara ***Il-Pulizija vs Silvio Coleiro***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-15 t'Ottubru 2019; ***Il-Pulizija vs Kevin Charles Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-5 ta' Settembru 2019; ***Il-Pulizija vs Ahmad Abu Hassan***, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-28 ta' Mejju 2019.

9. Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għażla – ladarba waslet li ssib il-ħtija fl-imputat, hija kienet kostretta li timponi wkoll is-sospensjoni. Inoltre jirriżulta wkoll illi l-imposizzjoni tat-terminu ta' sitt xhur sospenzjoni tal-liċenza tas-sewqan kienet fil-parametri legali, billi l-*minimum* ma jistax ikun inqas minn sitt xhur. F'dan il-każ il-Maġistrat applika din is-sospensjoni fil-minimum tagħha – ċjoe dik ta' sitt xhur. Il-Maġistrat ma setgħax imur taħt din is-solja ta' sitt xhur.

10. Din il-Qorti semgħet ukoll ir-rapport ta' qabel is-sentenza tal-Uffiċjal tal-Probation preparat minn Marilyn Formosa. Ir-rakkomandazzjoni tagħha hija li f'dan il-każ il-liċenzja tas-sewqan kienet parti integrali mill-ħajja tal-appellant sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu u tal-familja tiegħu nonche għan-negozju tiegħu. It-telfien tal-liċenza kienet ser twassal għal telfien tal-istabbilita ta' ħajtu u tispiċċa tbagħti miegħu il-familja kollha. B'hekk issuġġeriet li l-Qorti tirrevedi dik il-parti tas-sentenza li tordna s-sospensjoni tal-liċenza minħabba li kien jidhru ċ-ċirkostanzi straordinarji neċessarji.

11. L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għal piena li tkun tista' tingħata taħt il-minimum preskritt mill-Liġi, aktar milli għal konsegwenzi li jitnisslu mill-piena jew minn sejbien ta' ħtija. Il-problema f'dan il-każ, il-ġurisprudenza prevalenti tgħid li r-raġuni miġjuba mill-appellant, minkejja li serja, mhix ritenuta bħala raġuni speċjali u straordinarja li għandha titniżżel fis-sentenza u li

tippermetti li l-Qorti tagħti piena iżgħar minn dik li tkun stabbilita mill-Liġi.

12. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Bugeja,*** mogħtija minn din il-Qorti nhar l-10 ta' Jannar 2008 presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono, irriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kienet applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali f'ċirkostanzi fejn irriżultalha li kien hemm mard serju ħafna ta' wieħed mit-tfal tal-imputat. Iżda l-Imħallef Galea Debono kien ċar ħafna fi kliemu u stqarr li l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jistax jiġi applikat f'dak il-kuntest. Fil-fatt qal hekk :

> Illi mill-ezami tas-sentenza appellata johrog li l-motivazzjoni ghala l-Ewwel Qorti ddecidiet li tapplika piena taht il-minimu preskritt mill-Ligi kienet bazata fuq il- "fatt principali li t-tifel ta' l-imputat ibati minn marda severa daqs kemm hi rari, u cioe': 'fragile X syndrome', marda li ghaliha ma hemmx fejqan. Illi din il-marda tirrikjedi kura kostanti, stante li dan it-tifel, Juan Matthias, ibati minn accessjonijiet spissi u qawwija u jehtieg ukoll il-kura li trid tinkiseb minn barra dawn il-Gzejjer......."
>
> u tkompli tghid :
>
> "Illi din il-Qorti temmen illi taghbija finanzjarja fuq l-imputat minhabba l-htigijiet medici u kontinwi tat-tifel, kienet il- kawza li ghelbet lill-imputat f' tentazzjoni ghal '"proverbial quick buck' biex ghamel dak li ghamel.'
>
> "Illi b' konsegwenza ta' dan l-agir iddisprat ta' l-imputat, huwa mhux biss tilef l-impieg tieghu, imma ghad irid ihallas efuf kbar lil terzi persuni ghal xorb illegali li akkwista. Di piu', jidher illi l-mara ta' l-impiutat dahlet f' depressjoni konsegwenza mhux biss tas-sahha dghajfa tat-tifel, imma wkoll bl-inkwiet tar-ragel taghha. Li kieku din il-Qorti tinfliggi l-multa stabbilita ordinarjament ghar- reati dedoitti kontra l-imputat, tkun qeghdha in effett , tiddistruggi l-familja intiera ta' l-imputat.
>
> B' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, r-ragunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti biex jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-art. 21, anki fir-rigward tar-reati taht din l-ahhar ligi ma humiex tali li jistghu jigu klassifikati li huma specjali w straordinarji. Kieku l-Qrati kellhom jargumentaw b' dan I-mod, kull min ikun afflitt b' xi marda serja jew ikollu xi membru tal-familja

tieghu hekk marid, ikollu 'carte blanche' biex jikser id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligijiet kriminali w fiskali bil-garanzija li ma jkunx ser ikollu jiffaccja r-riguri tal-ligi jekk mhux addirttura li ser igawdi impunita' assoluta. Din il-Qorti qatt ma tista' taccetta li r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti setghu jiggustifikaw l- applikazzjoni tal-artikolu 21.

13. Din il-Qorti, umanament tħoss għas-sitwazzjoni diffiċli tal-familja tal-appellant; u tammira l-fatt li l-appellant għaraf l-iżball li għamel, sogħob bih u rrealizza li mhux soltu għalih li jagħmel żbalji simili. Biss fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa rrikonoxxiet id-diffikultajiet tal-appellant kif ukoll l-irġulija tiegħu meta hija ġiet biex teroga l-piena f'dan il-każ. Tant hu hekk li dik il-Qorti imponiet piena li prattikament kienet il-*minimum* li setgħet timponi.

14. Bħall-Qorti tal-Maġistrati qabilha, din il-Qorti hija marbuta li tapplika l-Liġi kif inhi u mhux kif tixtieqha li tkun. Jekk il-Liġi ma ttihiex għażla li tissospendi l-liċenza, la l-Qorti tal-Maġistrati u l-anqas din il-Qorti ma jistgħu jagħżlu li ma jimponux is-sospensjoni tal-liċenza fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għal reat kommessi u ammessi f'dan il-każ.

15. L-appellant ġab dawn il-konsegwenzi b'idu meta ħa d-deċiżjoni żbaljata li jsuq wara li kien xorob ħafna alcohol. L-appellant ma jistax iwaħħal f'ħaddieħor għal dawn in-nuqqasijiet tiegħu; jew jistenna li Qrati li ma jimxux mal-ordni tassattiva tal-Liġi rigward is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan f'każ ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u l-konsum eċċessiv ta' alkoħol.

16. Kif kien jgħid ukoll il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent Degaetano fis-sentenzi tiegħu f'każijiet bħal dawn : *imputet sibi*.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***